Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL- WIEĦED u ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 2 ta' Diċembru 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.33 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsin laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li fuq *l-overgrown trees* irċieva komunikazzjoni tas- Supretendent ta' B'Kara, is- Sinjura Sharon Tanti fejn infurmatna li ma jistax isir infurzar min naħa tal-Pulizija inkluz ta' l-ALE.

Il-Kunsill talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex iqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill biex jagħmel dan ix-xogħol u jintbgħat il-kont lis- sidien li ma ottemporawx mat –talba tagħna.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-karozzi pparkjati fuq il-bankina quddiem Kola Store.

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda pjanta mħejjija mill-Perit Bezzina bi proposti biex nissalvagwardaw is- saħħa u s-sigurta' tar-residenti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Din il-pjanta ġiet approvata unanimament.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4439**: PA 2891/13- Kopja tad-deċizjoni meħuda mill-Bord tal-MEPA fejn dan l-izvilupp ġie approvat.

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fejn il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kien tal-fehma li bħala Kunsill għandna nappellaw min din id-deċizjoni għax ser jinqered l-ambjent estetiku ta' Triq Il-ferrovija u ser jinħoloq preċedent.

Min naħa l-oħra is- Sindku Dr.John Zammit Montebello qal li aħna bħala kunsill meta jkun hemm applikazjoni ta' zvilupp fil-lokalita' u jidhirlu li dan il-permess jista' b'xi mod jew ieħor jaffettwa ħazin l-ambjent tal-lokalita' dejjem jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu biex tinstema' quddiem il-Bord tal-MEPA għal kunsiderazzjoni. Issa jekk il-Kunsill ser jappella fuq l-approvazzjoni ta'dan il-permess partikulari, mil-llum il-quddiem il-Kunsill irid jibda jissottometti appell fuq kull deċizjoni negattiva li tkun tittiehed mill-Bord. Minn esperjenzi ta' qabel inkluz l-izvilupp li sar San Frangisk li kien aktar oxxen min dan, fejn ser jinbena blokka flats ġewwa *villa zone area* l-izviluppatur xorta rebaħ il-kaz allavolja sar appell. Bħala Sindku ma kienx ser jonfoq flus il-poplu għal xi ħaga li tkun diġa deċiza. Il- ħamsa fil-mija tat-*Development fee* li tkun trid titħallas biex isir appell, il-Kunsill mhuiex f'posizzjoni finanzjarja li jagħmel dan.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab lis- Segretarju biex iressaq mozzjoni fejn qed jitlob li l-Kunsill minħabba li dan l-izvilupp ser ikompli jeqred l-ambjent anke estetiku ta' Triq il-Ferrovija u ħa jkun mostru tal-konkrit f'nofs il-ġonna kif ukoll ser jinħoloq preċedent għandu jappella minn din id-deċizjoni.

| | |
|---|---|
| Voti Favur (1)- | Is- Sur Desmond Zammit Marmara |
| Astensjoni (2)- | Is- Sur Joe Galea |
| | Is- Sur Guido Borg |
| Voti kontra (2)- | Dr. John Zammit Montebello |
| | Is- Sur Stephen Gatt |

Il-mozzjoni ma għaddietx.

Is- Sindku Dr. John Zammit Montebello għamel kontro-mozzjoni li allavolja l-Kunsill oriġinarjament kien għamel l-oġġezzjoni tiegħu fuq dan il-permess, li nħallsu l-flus fuq appell li mill-esperjenzi ta' qabel fuq Triq Birbal, Triq San Frangisk li anke saħansitra spiċċajna l-qorti bl-ispejjez kollha involuti, xorta nħareġ il-permess u dan mhu ser izomm lill ħadd milli joħorgu permessi oħra 'l-quddiem, għaldaqstant il-kunsill mhux ser jonfoq fondi pubbliċi u jibqa' jappella fuq deċizjonijiet diġa konkluzi.

| | |
|---|---|
| Voti Favur (4)- | Is- Sur Joe Galea |
| | Is- Sur Guido Borg |
| | Dr. John Zammit Montebello |
| | Is- Sur Stephen Gatt |
| Voti kontra (1)- | Is- Sur Desmond Zammit Marmara |

Il-Mozzjoni għaddiet.

**Ittra Nru 4450**: Kaz Nru 983/14-Post alternattiv. Il-Kunsill rċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex bħala kunsill noħorġu sejħa ta' interess għal-post alternattiv għall-Kunsill

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Komunikazzjoni tas- Sindku

Is-Sindku qal li kif kulħadd jaf tlestew ix-xogħolijiet fuq Triq Guze Bonnici u sa' l-aħħar ta' Diċembru inkunu nafu kemm ġiet tiswa't-triq il-ġdida. Min hemmek naraw x'fondi jibqa' u filkaz irridu niddeċiedu jekk isirux xogħolijiet ta' large area patching jew asfaltar ta' xi toroq bħal Triq Idmejda, Triq Balaguer u Triq San Frangisk

Il-Viċi Sindku ppropona li l-parti t'isfel ta' Triq Dr. Zammit għandha tingħata priorita' ukoll.

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2014 ser jiġi ffirmat il-ftiehem għal-fondi tal-UIF biex isir il-proġett tal-lampi l-ġodda fil-village core. Dan il-proġett irid jitlesta sa l-aħħar ta' April 2015.

## 5. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ssuġerixxa li għandu jizdied l-infurzar fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima minħabba li qed jizdied l-influss ta' inġenji kbar għaddejjin minn dik it-triq.

Is- Segretarju Ezekuttiv ser jinfurma lir- Reġjun biex il-gwardjani izidu l-ispezzjonijiet tagħhom.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq l-infurzar quddiem l-iskola Stella Maris.

Is-Sindku wieġeb li huwa kellem kemm lis- Supretendent kif ukoll l-ispettur tal- Għassa ta' B'kara fuq il-ħtiega ta' aktar spezzjonijiet ta' infurzar fil-ħinijiet ta' meta l-ġenituri jmorru jiġbru t-tfal minn ħdejn l-iskola.

Min naħa ta' l-għassa huma għandhom problema ta' nuqqas ta' pulizija biex ikunu jistgħu jagħmlu dawn l-ispezzjonijiet.

Is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jerġa jikteb lis- Supretendent fuq dawn l-ispezzjonijiet ta' natura urġenti.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk gietx indirizzata l-ilment li ressaq is- Sur Noel Borg ta' 84, Triq Il-Kbira fuq il-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu.

Il-Viċi Sindku qal li ma sab l-ebda problema pero' fuq indikazzjoni tas- Sur Zammit Marmara jidher li din tezisti. Għalhekk ser jitqabbad il- *handyman* tal-Kunsill biex jara' x'hemm u jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab biex jitneħħa xi ħaxix ħazin fuq il-bankina ta' ħdejn is-centre strip f'De Paule Avenue kantuniera ma' Triq il-Ferrovija l-Qadima.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta,23 ta' Diċembru 2014 fid-9.00am.

**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data